MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 522/2005

**Edward Martin bhala amministratur tal-condominium tal-fond 241, tower road, Sliema, Malta u ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess**

**vs**

**Barry Whitmoe u Isabelle Whitmore Mizzi**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba ta' l-attur nomine ghall-kundanna tal-konvenuti illi f'qasir zmien u perentorju jnehhu l-"closed circuit television camera" li huma nstallaw fil-partijiet komuni tal-blokk ta' appartamenti fil-fond bin-numru 241, Tower Road, Sliema, Malta u dan stante li din qieghda hemm installata abbusivament wara d-**

**decizjoni tal-membi tal-Assocjazzjoni attrici mehuda nhar il-11 ta' April tas-sena 2005 u fin-nuqqas ghaliex m'ghandhiex l-Assocjazzjoni attrici tkun awtorizzata tnehhi l-imsemmi apparat u spejjez tal-konvenuti;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 17 ta' Gunju tas-sena 2005 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet ta' l-attur nomine sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-14 ta' Gunju tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur nomine bl-ispejjez kontra l-konvenuti Barry Whitmore u Isabelle Whitmore Mizzi.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------